**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.). LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Paul Cini**

Kaz Numru: 537/2009

Illum is-sitta (6) ta' April 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Paul Cini**, bin Alfred u Maria neé Caruana, imwieled fil-15 ta' Settembru 1987, residenti "Beverly Hills", Triq it-Telegrafu, Nadur, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 33687(G) akkuzat talli nhar it-2 ta' Gunju 2009 ghall-habta ta' 13.50hrs fi Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex:

1. saq mutur bin-numru ta' registrazzjoni KBL 151 minghajr licenzja tas-sewqan;

2. saq l-istess mutur meta ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni ghar-riski ta' terzi persuni;

3. b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti habat ma' vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBJ 435 u nvolontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta' Ganni Borg;

4. sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Ghawdex moghtija nhar is-17 ta' Frar 2005 mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrra LLD b'sentenza li saret definittiva u ma tistax tigi mhassra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz u kif ukoll l-atti kollha tal-kawza mismugha mal-kawza odjerna.[1]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' April 2014 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 125).

Rat id-digriet moghti minn il-Qorti kif preseduta fil-5 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 128).

Rat illi, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 132), il-Prosekuzzjoni, il-*parte civile* u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2015, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali (*a fol.* 139).

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015, lill-kwerelant jiddikjara li huwa ma kellux aktar interess f'dawn il-proceduri (*a fol.* 140).

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess (*a fol.* 140).

[1] **Il-Pulizija vs. Ganni Borg** (Kumpilazzjoni Numru 93/2010).

Rat li, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015, id-difiza ezebiet certifikat mediku ta' Alfred Cini (missier l-imputat), liema certifikat gie mmarkat bhala Dok. "X", in segwitu ta' liema ezebizzjoni l-Qorti ordnat li ghas-seduta ta' wara jigi mharrek Dr. Peter Muscat.

Semghet, fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2016, id-depozizzjoni moghtija minn Dr. Peter Muscat (*a fol.* 143 *et seq.*).

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura ta' dawn ir-reati, il-fatt li l-kwerelant iddikjara li ma kellux aktar interess f'dawn il-proceduri, ic-certifikat mediku (Dok. "X") ta' Alfred Cini (missier l-imputat), id-depozizzjoni moghtija minn Dr. Peter Muscat, il-fatt li l-imputat huwa recidiv b'sentenza li fiha l-imputat instab hati ta' imputazzjonijiet simili ghal dawk tal-kawza odjerna, il-fatt li fis-sottosmissjonijiet taghha d-difiza talbet lill-Qorti sabiex il-Qorti timponi piena ta' multa u, sa certu punt, l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni ma jistghax jinghad li hija wahda bikrija *stante* li din giet registrata fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015 (*a fol.* 140), u cioé aktar minn sitt (6) snin wara li gew intavolati l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat[2].

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 49, 50 u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Paul Cini hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundanah ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' hamest'elef u hames mitt Euro (€5500.00).

[2] Il-Qorti tinnota li fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2011 (*a fol.* 35) l-imputat kien diga rregistra l-ammissjoni tieghu fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-imputat ghal zmien tnax (12) il-xahar li jibdew jiddekorru min nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu.

____________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

____________________________

**Ms. Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**